# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 16 ta' Jannar 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**vs**
**James Grima**

**Drogi Nru: 231/19**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi James Grima u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 573982M.

Akkuzat talli fil-31 ta' Jannar 2015 ghall-habta tas-16.00hrs fil-ground tal-Hibs Kordin, Paola u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f' Malta u f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew xi bicca minnha u dan bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Akkuzat talli fil-31 ta' Jannar 2015 ghall-habta tas-18.15hrs gewwa Luna Block C Flat 1Triq il-Gdida, Hal-Luqa u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f' Malta u f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu r-raza

mehuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala recidiv ai termini t'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenza kienu mghotija lil James Grima u li saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-Ordni ta'l-Avukat Generali a tenur ta'l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta biex dan il-kaz jinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar l-piena hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-amissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-kwantita ta' droga li instabet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 8(a)(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mitt Euro (€800) li ghandha tithallas fi zmien sena.

In oltre qed tordna d-distruzzjoni tal-kontenut tad-dokument immarkat Dok HC1 esebiet mill-ufficjal prosekutur; dan taht il-harsien tar-

Registratur ta’ din il-Qorti li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**